**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Seduta tal-Gimgha, 19 ta' Ottubru 2018**

**Rikors numru 48/2018 (JVC)**

**Michael Saliba u Rose Saliba**

**-vs-**

**Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat ta' Michael Saliba et fejn ikkonferma bil-gurament:

1. Illi r-rikorrenti huma wlied tal-mejjet Giuseppe Saliba u l-mejta Antonia Saliba kunjom xbubitha Zammit hekk kif jiccertifika l-vera kopja ta' l-Att taz-Zwieg registrat fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku tar-Rabat, Ghawdex datat tmienja u ghoxrin ta' Ottubru, elf disa' mija u wiehed u sittin (28/10/1961) bin-numru progressiv tal-iskrizzjoni numru mija u erbgha u tletin (134) u mahrug il-Hamis 1 ta' Frar 2018 u qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument "A";

2. Illi omm ir-rikorrenti Antonia Saliba nee' Zammit detentrici tal-karta tal-identita' numru 0066829(G), twieldet mill-mejjet Michele Zammit u l-mejta Rosa Zammit nee' Vella mart l-istess Michele Zammit, fiz-Zebbug, Ghawdex fil-21 ta' Novembru, 1929 fil-5.30pm u l-Att tat-twelid taghha gie rregistrat fir-Registru Pubbliku, Victoria, Ghawdex bin-numru progressiv tal-iskrizzjoni numru 688/1929 u l-att gie mdahhal fit-tnax (12) ta' Dicembru 1929, liema dokument qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument "B";

3. Illi dan ic-certifikat Dokument "B" huwa skorrett ghaliex fit-"Taghrif dwar Missier it-tarbija", fil-kolonna "Isem u Kunjom" hemm indikat li missier it-tarbija kien jisimha "Ferdinando Zammit" mentri fil-fatt kien jismu "Michele Zammit";

4. Illi l-imsemmija Antonia Saliba nee' Zammit mietet it-Tlieta tnax (12) ta' Dicembru, 2017 tas-sena elfejn u sbatax (12/12/2017) fil-Belt Victoria, Ghawdex u minhabba dan l-izball fic-certifikat tat-twelid taghha li huwa dokument "B", l-esponenti ma jistghux jirregistraw ic-certifikat tal-mewt taghha korrettament;

5. Illi fil-fatt fl-estratt veru mill-Att tal-mewt numru wiehed u hamsin zbarra tas-sena elfejn u tmintax (51/2018) tal-imsemmija mejta Antonia Saliba nee' Zammit detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 0068829(G) hemm indikat b'mod skorrett fil-kolonna "Isem u kunjom il-genituri" "Ferdinando Zammit (mejjet) u Rosina Zammit nee' Vella (mejta)"mentri fil-fatt isem il-missier kien jismu "Michele Zammit" u ghalhekk fil-kolonna "Isem u kunjom il-genituri" kellu jkun "Michele Zammit" (mejjet) u Rosina Zammit nee' Vella (mejta)". Dan kif jidher fuq ic-certifikat tal-Estratt veru mill-Att tal-Mewt numru 51/2018 hawn anness u mmarkat bhala Dokument "C".

6. Illi l-fatt li fuq l-Att tat-twelid tal-imsemmija Antonia Saliba nee' Zammit li tigi omm ir-rikorrenti, hawn esebit bhala dokument "B", taht il-kolonna "Taghrif dwar Missier it-tarbija", hemm indikat erronjament "Ferdinando Zammit" meta suppost fil-kolonna msemmija "Taghrif dwar Missier it-tarbija" ghandu jkun hemm "Michele Zammit".

Fil-kolonna tal-istess Att tat-twelid tal-imsemmija Antonia Saliba nee' Zammit Dok "B" taht il-kolonna "Isem u kunjom il-Missier, u jekk hux haj jew mejjet" hemm indikat korrettament ukoll "Ferdinando (Morto)" u dan suppost kellu jizdied il-kunjom "Zammit" biex b'hekk taht il-kolonna "Isem u kunjom missier, u jekk hux haj jew mejjet" kellu jkun "Ferdinando "Zammit"(Morto)".

7. Illi korrettament, in-nannu patern tal-mejta omm ir-rikorrenti Antonia Saliba nee' Zammit kien jismu Ferdinando Zammit u li kien mejjet.

8. Illi l-fatt li l-indikazzjoni tal-isem tal-buznannu matern taghhom fic-certifikat tat-twelid Numru 688/1929 u fl-estratt veru mill-Att tal-Mewt numru wiehed u hamsin zbarra tas-sena elfejn u tmintax (51/2018) tal-imsemmija mejta ommhom Antonia Saliba nee' Zammit detentrici tal-karta tal-identita' numru 0068829(G) huwa skorrett huwa kkonfermat minn diversi dokumenti fosthom:

(i) Mill-Estratt veru mill-Att taz-Zwieg Numru mija u erbgha u tletin zbarra tas-sena elf disa' mija u wiehed u sittin (134/1961) mill-Ufficcju tar-Registru Pubbliku Ghawdex bejn missier l-esponenti Giuseppe Saliba u omm l-esponenti Antonia Zammit - Certifikat numru 134/1961 hawn anness u mmarkat bhala Dokument "D". Fil-kolonna "Genitur tal-mizzewgin" tal-mara hemm imnizzel "Michel Zammit and Rosa Zammit nee' Vella".

(ii) Mill-Estratt veru mill-Att tal-mewt Numru mija u tmienja u erbghin zbarra tas-sena elf disa' mija u sebghin (148/1970) tan-nannu matern tal-esponenti Mikeli Zammit fejn jidher car indikat taht il-kolonna "Isem u kunjom tal-mejjet". Taht il-kolonna "Isem u kunjom il-genituri" fl-istess Estratt mill-Att tal-mewt numru 148/1970 jidhru l-isem u kunjom "Venerandu Zammit (Dead) Antonia Zammit nee' Cini (Dead)" kif jidher hawn mid-dokument anness u mmarkat bhala Dokument "E".

(iii) Mill-Estratt mill-original tar-Registru tal-Maghmudija Tal-Parrocca taz-Zebbug, Ghawdex, tad-Djocesi ta' Ghawdex, fejn fil-linja "Isem" hemm indikat "Michael, Francisius, Alysisus Zammit" li huwa l-missier matern tal-mejta Antonia Saliba nee' Zammit u li jigi n-nannu tal-esponenti. Fil-linja "Isem u Kunjom il-Missier" tal-istess estratt hemm imnizzel "Venerandu Zammit". Dan id-dokument gie mahrug fl-4 ta' Jannar, 2018 mill-Arcipriet tal-Parrocca taz-Zebbug, Ghawdex Arcipriet Reuben Micallef li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument "F".

(iv) Mill-Estratt mill-original tar-Registru tal-mewt tal-Parrocca taz-Zebbug, Ghawdex, tad-Djocesi ta' Ghawdex, fejn fil-linja "Isem" hemm indikat "Michael Zammit" li jigi missier il-mejta Antonia Saliba nee' Zammit u n-nannu matern tal-esponenti. Fil-linja "Iben/Bint" tal-istess estratt hemm imnizzel "Venerandu u Antonia nee' Vella". Dan id-dokument gie mahrug fl-4 ta' Jannar 2018 mill-Arcipriet tal-Parrocca taz-Zebbug, Ghawdex Arcipriet Reuben Micallef li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument "G".

(v) Mill-Att ta' twelid ta' Michele Zammit registrat fl-ufficcju tar-Registru Pubbliku tar-Rabat Ghawdex, li jigi missier il-mejta Antonia Saliba kunjom xbubitha Zammit u n-nannu matern tar-rikorrenti Michael Saliba u Rose Saliba bin-numru ta' l-iskrizzjoni erba' mija u tlieta u tmenin (483) datat sebgha ta' Ottubru tal-elf tmien mija u disgha u tmenin (07/10/1889). L-att juri fil-kolonna "Taghrif dwar Missier it-tarbija" jgib l-isem "Ferdinando Zammit" u dan Ferdinando Zammit jigi n-nannu patern tal-mejta Antonia Saliba kunjom xbubitha Zammit u li dan id-dokument qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument "H".

(vi) Mill-Att tal-Mewt ta' Mikeli Zammit registrat fl-ufficcju tar-Registru Pubbliku tar-Rabat, Ghawdex, li jigi missier il-mejta Antonia Saliba kunjom xbubitha Zammit u n-nannu matern tar-rikorrenti Michael Saliba u Rose Saliba bin-numru ta' l-iskrizzjoni mija u tmienja u erbghin (148) datat hamsa u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u sebghin (25/06/1970). L-Att juri fil-kolonna "Taghrif dwar il-persuna mejta Isem u kunjom" igib l-isem ta' "Mikeli Zammit" u fil-kolonna "Isem u Kunjom il-Genituri jekk hajjin jew mejtin" igib l-isem "Venerandu Zammit (Dead)" u li dan Venerandu Zammit jigi n-nannu patern tal-mejta Antonia Saliba kunjom xbubitha Zammit u li dan id-dokument qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument "I".

(vii) Mill-Att ta' Zwieg ta' Venerando Zammit registrat fl-ufficcju tar-Registru Pubbliku tar-Rabat Ghawdex, li jigi n-nannu patern tal-mejta Antonia Saliba kunjom xbubitha Zammit u l-buznannu matern tar-rikorrenti Michael Saliba u Rose Saliba bin-numru ta' l-iskrizzjoni tlieta u sittin (63) datat ghaxra ta' Lulju tas-sena elf tmien mija u tnejn u tmenin (10/07/1882). L-att juri fil-kolonna "Taghrif dwar ir-Ragel mizzewweg" igib l-isem ta'

"Venerando Zammit" u li dan id-dokument qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument "J".

(viii) Mill-Att tal-Mewt ta' Ferdinandu Zammit registrat fl-ufficcju tar-Registru Pubbliku tar-Rabat Ghawdex, bin-numru ta' l-iskrizzjoni ghaxra (10) u datat Victoria, Gozo tnax ta' Jannar tas-sena elf tmien mija u wiehed u disghin (12/01/1891) u li jigi n-nannu patern tal-mejta Antonia Saliba kunjom xbubitha Zammit u l-buznannu matern tar-rikorrenti Michael Saliba u Rose Saliba. L-Att juri fil-kolonna "Taghrif dwar il-persuna mejta, Isem u Kunjom" hemm miktub "Ferdinando Zammit" u li dan id-dokument qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument "K".

(ix) Mill-Estratt mill-original tar-Registru tal-maghmudija ta' Venerandu Zammit Tal-Parrocca taz-Zebbug, Ghawdex, tad-Djocesi ta' Ghawdex, fejn fil-linja "Isem" hemm indikat "Venerandu, Raphael, Luigi Zammit" li huwa n-nannu patern tal-mejta Antonia Saliba nee' Zammit u li jigi l-buznannu matern tar-rikorrenti Michael Saliba u Rose Saliba. Dan id-dokument gie mahrug fis-16 ta' Mejju 2018 mill-Arcipriet tal-Parrocca taz-Zebbug, Ghawdex Arcipriet Reuben Micallef li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument "L".

(x) Mill-Estratt mill-original tar-Registru tal-mewt ta' Venerandu Zammit Tal-Parrocca taz-Zebbug, Ghawdex, tad-Djocesi ta' Ghawdex, fejn fil-linja "Isem" hemm indikat "Venerandu Zammit" li huwa n-nannu patern tal-mejta Antonia Saliba nee' Zammit u l-buznannu matern tar-rikorrenti Michael Saliba u Rose Saliba. Dan id-dokument gie mahrug fis-16 ta' Mejju 2018 mill-Arcipriet tal-Parrocca taz-Zebbug, Ghawdex Arcipriet Reuben Micallef li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument "M".

(xi) Mic-Certifikat taz-Zwieg tal-Parrocca Santa Marija Zebbug, Ghawdex, fejn fil-linja "Zwieg bejn" hemm miktub Venerandu Zammit u Antonia Cini datat 16 ta' Mejju 2018 mahrug mill-Arcipriet tal-Parrocca taz-Zebbug, Ghawdex Arcipriet Reuben Micallef li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument "N".

(xii) Mill-Estratt veru mir-registrazzjoni numru hames mija u disghin (590) tas-sena elf disa' mija u sebgha u ghoxrin (1927) ta' Angela Zammit tal-istat Civili dwar Atti tat-Twelid u r-Registru ta' Persuni Adottati mizmuma fl-ufficcju tar-Registru Pubbliku, ir-Rabat, Ghawdex. Angela Zammit tigi oht omm ir-rikorrenti Antonia Saliba nee' Zammit detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 0068829(G) u z-zija tar-rikorrenti u li fil-kolonna "Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier" hemm imnizzel "Michel Zammit (Zebbug Ghawdex) Malta)" u mhux dak skorrett "Ferdinando Zammit". Dan l-Estratt tat-Twelid ta' Angela Zammit oht Antonia Saliba nee' Zammit qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument "O".

(xiii) Mill-Estratt veru mill-Att tal-Mewt numru mija u hamsa u disghin zbarra tas-sena elfejn u tlieta (195/2003) ta' Angela Azzopardi nee' Zammit detentrici tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 0059027(G) mizmuma fl-ufficcju tar-Registru Pubbliku, ir-Rabat, Ghawdex u datat hamsa ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (05/02/2018). Angela Azzopardi nee' Zammit tigi oht omm ir-rikorrenti Antonia Saliba nee' Zammit detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 0068829(G) u z-zija tar-rikorrenti u li fil-kolonna "Isem u Kunjom il-genituri" hemm imnizzel "Michel Zammit (Dead)" u mhux dak skorrett "Ferdinando Zammit "Dead" kif hemm fid-dokument "C". Dan l-Estratt veru mill-Att tal-Mewt ta' Angela Azzopardi nee' Zammit li tigi oht Antonia Saliba nee' Zammit u z-zija tar-rikorrenti qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument "P".

(xiv) Mill-Estratt veru mir-registrazzjoni numru mitejn u hamsa u sebghin (275) tas-sena elf disa' mija u tnejn u tletin (1932) ta' Cristina Zammit tal-Istat Civili dwar Atti tat-Twelid u r-Registru ta' Persuni Adottati mizmuma fl-ufficcju tar-Registru Pubbliku, ir-Rabat, Ghawdex. Christina Zammit tigi oht omm ir-rikorrenti Antonia Saliba nee' Zammit detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 0068829(G) u z-zija tar-rikorrenti u li fil-kolonna "Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier" hemm imnizzel "Michele Zammit (Zebbug Ghawdex) Malta)" u mhux dak skorrett "Ferdinando Zammit". Dan l-Estratt tat-Twelid ta' Cristina Zammit oht Antonia Saliba nee' Zammit qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument "Q".

(xv) Mill-Estratt veru mill-Att tal-mewt numru mitejn u tmienja u tletin zbarra tas-sena elfejn u sebgha (238/2007) ta' Cristina Tabone nee' Zammit detentrici tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 0027532 (G) mizmuma fl-ufficcju tar-Registru Pubbliku, ir-Rabat, Ghawdex u datat hamsa ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (05/02/2018). Cristina Tabone nee' Zammit tigi oht omm ir-rikorrenti Antonia Saliba nee' Zammit detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 0068829(G) u z-zija tar-rikorrenti u li fil-kolonna "Isem u Kunjom il-genituri" hemm imnizzel "Michele Zammit (Dead)" u mhux dak skorrett "Ferdinando Zammit "Dead" kif hemm fid-Dokument "C". Dan l-Estratt veru mill-Att tal-mewt ta' Cristina Tabone nee' Zammit li tigi oht Antonia Saliba nee' Zammit u z-zija tar-rikorrenti qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument "R".

(xvi) Mill-Estratt veru mir-registrazzjoni numru tnejn (2) tas-sena elf disa' mija u erbatax (1914) ta' Antonio Zammit tal-istat Civili dwar Atti tat-Twelid u r-Registru ta' Persuni Adottati mizmuma fl-ufficcju tar-Registru Pubbliku, ir-Rabat, Ghawdex. Antonio Zammit jigi hu omm ir-rikorrenti Antonia Saliba nee' Zammit detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 0068829(G) u z-ziju tar-rikorrenti u li fil-kolonna "Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-missier" hemm imnizzel "Michele Zammit (Zebbug Ghawdex) Malta)" u mhux dak skorrett "Ferdinando Zammit" kif hemm fid-Dokument C. Dan l-Estratt

tat-Twelid ta' Antonio Zammit, hu Antonia Saliba nee' Zammit qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument "S";

(xvii) Mill-Estratt veru mill-Att tal-mewt numru elf u ghaxra zbarra tas-sena elf disa' mija u hamsa u tmenin (1010/1985) ta' Anthony Zammit li miet fl-eta' ta' wiehed u sebghin sena (71) mizmuma fl-ufficcju tar-Registru Pubbliku, ir-Rabat, Ghawdex u datat hamsa ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (05/02/2018). Anthony Zammit li jigi hu omm ir-rikorrenti Antonia Saliba nee' Zammit detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 0068829(G) u z-zija tar-rikorrenti u li fil-kolonna "Isem u Kunjom il-genituri" hemm imnizzel "Michael Zammit (Dead)" u mhux dak skorrett "Ferdinando Zammit "Dead" kif hemm fid-Dokument "C". Dan l-Estratt veru mill-Att tal-Mewt ta' Anthony Zammit li jigi hu Antonia Saliba nee' Zammit u z-ziju tar-rikorrenti qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument "T".

Illi l-prezenti proceduri qeghdin isiru ai termini tal-Artikolu 253 *et sequitur* tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta.

Illi r-rikorrenti Michael Saliba u Rose Saliba, ulied tal-mejjet Giuseppe Saliba u l-mejta Antonia Saliba kunjom xbubitha Zammit umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex l-izball li hemm fuq l-Att tat-twelid tal-imsemmija ommhom il-mejta Antonia Saliba nee' Zammit li tigi omm ir-rikorrenti, hawn esebit bhala dokument "B", taht il-kolonna "Taghrif dwar Missier it-tarbija", hemm indikat erronjament "Ferdinando Zammit" jigi rrangat u fil-kolonna "Taghrif dwar Missier it-tarbija" jigi mhassar "Ferdinando Zammit u minflok jigi miktub fil-kolonna "Taghrif dwar Missier it-tarbija" "Michele Zammit".

Illi r-rikorrenti Michael Saliba u Rose Saliba, ulied tal-mejjet Giuseppe Saliba u l-mejta Antonia Saliba kunjom xbubitha Zammit jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex l-izball li hemm fuq l-estratt veru mill-Att tal-mewt Dok "C" numru wiehed u hamsin zbarra tas-sena elfejn u tmintax (51/2018) tal-imsemmija mejta ommhom Antonia Saliba nee' Zammit detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 0068829(G) kif indikat b'mod skorrett fil-kolonna "Isem u kunjom il-genituri" "Ferdianando Zammit (mejjet) u Rosina Zammit nee' Vella (mejta)" jigi mhassar u mibdul sabiex fil-kolonna "Isem u kunjom il-genituri" jigi korrettament imnizzel "Michele Zammit" u ghalhekk fil-kolonna "Isem u kunjom il-genituri" jkun jaqra "Michele Zammit" (mejjet) u Rosina Zammit nee' Vella (mejta)" u mhux "Ferdinando Zammit (Dead) u Rosina Zammit nee' Vella (Dead).

Ghaldaqstant ir-rikorrenti qed jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jigu kkoreguti dawn l-izbalji msemmija fic-certifikat tal-Att tat-twelid Dokument "B" tal-imsemmija ommhom il-mejta Antonia Saliba nee' Zammit u fl-estratt veru mill-Att tal-Mewt numru wiehed u hamsin zbarra tas-sena elfejn u tmintax (51/2018) tal-imsemmija mejta Antonia Saliba nee' Zammit detentrici tal-karta tal-identita' numru 0068829(G).

Talbu li din il-Qorti:

1. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku Ghal Ghawdex sabiex jaghmel il-korrezzjoni tal-Att tat-twelid bin-numru progressiv tal-iskrizzjoni numru 688/1929 u l-att gie mdahhal fit-tnax (12) ta' Dicembru 1929 u datat 29 ta' Novembru 1929, ta' omm ir-rikorrenti Antonia Saliba nee' Zammit detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 0068829(G) billi fit-"Taghrif dwar Missier it-tarbija", fil-kolonna "Isem u kunjom", l-isem "Ferdinando Zammit" jigi sostitwit bl-"Isem u kunjom" "Michele Zammit".

2. U tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku Ghal Ghawdex sabiex jaghmel il-korrezzjoni fl-Estratt veru mill-Att tal-mewt bin-numru wiehed u hamsin zbarra tas-sena elfejn u tmintax (51/2018) datat tlettax ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (13/02/2018) ta' omm ir-rikorrenti Antonia Saliba nee' Zammit detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 0068829(G) billi fil-kolonna "Isem u kunjom il-ġenituri", l-isem "Ferdinando Zammit (Dead)" jigi sostitwit taht il-kolonna "Isem u kunjom il-ġenituri" bl-isem "Michele Zammit (Dead)".

3. U tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku Ghal Ghawdex sabiex jaghmel dawk il-korrezzjonijiet l-ohra kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li hu idoneu u korrett li taghmel u/jew tordna f'dawk l-Atti Civili kollha tal-mejta ommhom Antonia Saliba nee' Zammit detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 0068829(G) li mietet fil-belt Victoria (Ghawdex) nhar it-Tlieta tnax (12) ta' Dicembru, tas-sena elfejn u sbatax (2017) u fid-dokumenti u/jew f'Atti ohra.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur Registru Pubbliku ta' Ghawdex fejn ikkonferma:

1. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponenti jistqarr li mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

2. Illi l-esponent jecepixxi illi ai termini tal-artikoli 559 u 560 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, din l-Onorabbli Qorti ghandha taccerta ruhha illi l-attur igib l-ahjar prova possibbli sabiex jissustanzja l-argumenti tieghu. Jidher illi d-dokumenti annessi mar-rikors guramentat in risposta mhumiex fil-fatt certifikati originali kif il-ligi titlob;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrileva illi huwa ma ghandux oggezzjoni illi t-talbiet kif dedotti jigu akkolti, tenut kont tal-fatt illi l-Att tat-Twelid tad-defunt Michele Zammit (vide Dok H anness ma' rikors guramentat in risposta) jirrifletti li hu verament gie moghti dan l-isem dakinhar li t-twelid tieghu gie registrat mad-Dipartiment kkoncernat;

4. Illi l-esponent jecepixxi li nonostante dak li qieghed jinghad fit-tielet paragrafu ta' dina r-risposta guramentata, huwa m'ghandux jinzamm responsabbli ghad-diskrepanza fl-isem tan-nannu (Michele Zammit

mejjet imnizzel bhala Ferdinando Zammit mejjet) tar-rikorrent fl-Att tat-Twelid (bin-numru progressiv 688 tas-1929) u fl-estratt tal-Att tal-Mewt (bin-numru progressiv 51 tas-sena 2018) ta' ommhom, cioe' Antonia Saliba, u dan stante illi l-informazzjoni nserita fl-imsemmi Att tat-twelid kienet iddikjarata u kkonfermata min-nannu (Michele Zammit mejjet imnizzel bhala Ferdinando Zammit mejjet) tar-rikorrenti stess. Ghaldaqstant, gialadarba fl-Att tat-Twelid tan-nannu tar-rikorrent giet inserita u kkonfermata nformazzjoni mill-istess illum il-mejjet Michele Zammit (li sussegwentement qed jigi allegatament skopert li tali nformazzjoni hija skorretta), id-Direttur ma kellux ghazla fil-mument tar-registrazzjoni tal-mewt ta' Antonia Saliba, xebba Zammit, li jinserixxi fl-Att tal-Mewt l-istess informazzjoni li tinsab fl-Att tal-Mewt l-istess informazzjoni li tinsab fl-Att tat-Twelid;

5. Illi finalment l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-proceduri stanti.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ngunti in subizzjoni.

Rat li l-partijiet iddikjaraw il-provi taghhom maghluqa;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet fl-istess seduta fosthom li l-intimat ma kellu l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet kontenuti fir-rikors guramentat salv ghall-ispejjez u konsegwentement il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni.

Rat id-dokumenti kollha esebiti minn fejn jirrizulta ampjament pruvat li t-talbiet tar-rikorrenti huma aktar milli gjustifikati. In oltre l-Qorti mihijiex konvinta li l-izbalji fic-certifikat in kwistjoni saru minn Michele Zammit stante li aktar jidhru li kien zball ta' min kien qed jirredigi originarjament ic-certifikat aktar u aktar fejn thalla kunjom barra filwaqt li bi zball inkiteb isem in-nannu fejn suppost tnizzel isem il-missier.

Rat li saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif tikkontempla l-ligi u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur konvenut hija sorvolata.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant in vista ta' dak kollu suespost tghaddi sabiex filwaqt li tichad ir-risposta tad-Direttur intimat sakemm din mhijiex kompatibbli ma' dak hawn deciz, tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

1. Tilqa′ l-ewwel talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex sabiex jaghmel il-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid bin-numru progressiv tal-iskrizzjoni numru 688/1929 u l-att gie mdahhal fit-tnax (12) ta′ Dicembru 1929 u datat 29 ta′ Novembru 1929, ta′ omm ir-rikorrenti Antonia Saliba nee′ Zammit detentrici tal-karta ta′ l-identita′ numru 0068829(G) billi fit-"Taghrif dwar Missier it-Tarbija", fil-kolonna "Isem u kunjom", l-isem "Ferdinando Zammit" jigi sostitwit bl-"Isem u kunjom" "Michele Zammit".

2. Tilqa′ t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku Ghal Ghawdex sabiex jaghmel il-korrezzjoni fl-Estratt veru mill-Att tal-mewt bin-numru wiehed u hamsin zbarra tas-sena elfejn u tmintax (51/2018) datat tlettax ta′ Frar tas-sena elfejn u tmintax (13/02/2018) ta′ omm ir-rikorrenti Antonia Saliba nee′ Zammit detentrici tal-karta ta′ l-identita′ numru 0068829(G) billi fil-kolonna "Isem u kunjom il-ġenituri", l-isem "Ferdinando Zammit (Dead)" jigi sostitwit taht il-kolonna "Isem u kunjom il-ġenituri" bl-isem "Michele Zammit (Dead)".

3. Tilqa′ t-tielet talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku Ghal Ghawdex sabiex jaghmel dawk il-korrezzjonijiet l-ohra kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li hu idoneu u korrett li taghmel u/jew tordna f′dawk l-Atti Civili kollha tal-mejta ommhom Antonia Saliba nee′ Zammit detentrici tal-karta ta′ l-identita′ numru 0068829(G) li mietet fil-belt Victoria (Ghawdex) nhar it-Tlieta tnax (12) ta′ Dicembru, tas-sena elfejn u sbatax (2017) u fid-dokumenti u/jew f′Atti ohra.

Fic-cirkustanzi kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

(ft.) Dr Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur